DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 95/2011

tat-30 ta' Settembru 2011

li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) u l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat permezz tal-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness I tal-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 63/2011 tal-1 ta' Lulju 2011 ([1]).

(2) L-Anness II tal-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 70/2011 tal-1 ta' Lulju 2011 ([2]).

(3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/617/UE tal-14 ta' Ottubru 2010 li temenda d-Deċiżjoni 2009/821/KE fir-rigward tal-listi ta' postijiet ta' spezzjoni fuq il-fruntiera u l-unitajiet veterinarji fi Traces ([3]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(4) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/653/UE tal-21 ta' Ottubru 2010 li temenda l-Anness II tad-Deċiżjoni 2009/861/KE dwar miżuri tranżitorji skont ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-ipproċessar ta' ħalib nej mhux konformi f'ċerti stabbilimenti tal-ipproċessar tal-ħalib fil-Bulgarija ([4]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(5) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/654/UE tas-27 ta' Ottubru 2010 li temenda d-Deċiżjoni 2009/852/KE fir-rigward tal-lista ta' ċerti stabbilimenti li jipproċessaw il-ħalib fir-Rumanija soġġetti għal ċerti miżuri tranżitorji ([5]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(6) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/9/UE tal-10 ta' Jannar 2011 li temenda d-Deċiżjoni 2010/89/UE dwar miżuri tranżitorji li jirrigwardaw l-applikazzjoni ta' ċerti rekwiżiti strutturali tar-Regolamenti (KE) Nru 852/2004 u (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill lil stabbilimenti fir-Rumanija ([6]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(7) Din id-Deċiżjoni m'għandhiex tapplika għal-Liechtenstein,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Kapitolu I tal-Anness I tal-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

1. L-inċiż li ġej għandu jiżdied fil-punt 39 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/821/KE) fil-Parti 1.2:

"— **32010 D 0617**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/617/UE tal-14 ta' Ottubru 2010 (ĠU L 271, 15.10.2010, p. 8)."

2. Dan li ġej għandu jiżdied fl-ewwel inċiż (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/852/KE) taħt l-intestatura "Għandhom japplikaw l-arranġamenti tranżitorji stabbiliti fl-atti li ġejjin:" mal-punti 16 (ir-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) u 17 (Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) fil-Parti 6.1:

", kif emendat permezz ta':

— **32010 D 0654:** Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/654/UE tas-27 ta' Ottubru 2010 (ĠU L 283, 29.10.2010, p. 34)."

3. Dan li ġej għandu jiżdied fit-tieni inċiż (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/89/UE) taħt l-intestatura "Għandhom japplikaw l-arranġamenti tranżitorji stabbiliti fl-atti li ġejjin:" mal-punt 16 (ir-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) fil-Parti 6.1:

", kif emendat permezz ta':

— **32011 D 0009:** Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/9/UE tal-10 ta' Jannar 2011 (ĠU L 6, 11.1.2011, p. 30)."

4. L-inċiż li ġej għandu jiżdied mat-tieni inċiż (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/861/KE) taħt l-intestatura "Għandhom japplikaw l-arranġamenti tranżitorji stabbiliti fl-atti li ġejjin:" mal-punt 17 (ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) fil-Parti 6.1:

"— **32010 D 0653:** Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/653/UE tal-21 ta' Ottubru 2010 (ĠU L 283, 29.10.2010, p. 28)."

Artikolu 2

Punt 54zzzh (ir-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Kapitolu XII tal-Anness II tal-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

([1]) ĠU L 262, 6 10 2011, p. 16.
([2]) ĠU L 262, 6.10.2011, p. 26.
([3]) ĠU L 271, 15.10.2010, p. 8.
([4]) ĠU L 283, 29.10.2010, p. 28.
([5]) ĠU L 283, 29.10.2010, p. 34.
([6]) ĠU L 6, 11.1.2011, p. 30.

1. Taħt l-intestatura "Għandhom japplikaw l-arranġamenti tranżitorji stabbiliti fl-atti li ġejjin:" dan li ġej għandu jiżdied malewwel inċiż (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/852/KE):

", kif emendat permezz ta':

— **32010 D 0654:** Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/654/UE tas-27 ta' Ottubru 2010 (ĠU L 283, 29.10.2010, p. 34)."

2. Taħt l-intestatura "Għandhom japplikaw l-arranġamenti tranżitorji stabbiliti fl-atti li ġejjin:" dan li ġej għandu jiżdied mattieni inċiż (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/89/UE):

", kif emendat permezz ta':

— **32011 D 0009:** Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/9/UE tal-10 ta' Jannar 2011 (ĠU L 6, 11.1.2011, p. 30)."

Artikolu 3

It-testi tad-Deċiżjonijiet 2010/617/UE, 2010/653/UE, 2010/654/UE u 2011/9/UE fil-lingwa Islandiża u dik Norveġiża, li ser jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Ottubru 2011, sakemm in-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment taż-ŻEE tiegħu.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Settembru 2011.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Kurt JÄGER

(*) Ma huma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.